KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 ta' Dicembru 2011

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Hamsa u Sittin (65) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Hamsa u Sittin (65) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 5 ta' Dicembru 2011 fis-1.00pm.**

Il-Hamsa u Sittin (65) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Qaghda finanzjarja tal-Kunsill
6. Skema ta` Infurzar Lokali
7. Peagant tal-Passjoni fit-toroq tal-Floriana
8. Iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Gorg V – Rapport tal-ispezzoni
9. Skema ta` Parkegg Residenzjali
10. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet L-Ewwel tas-Sena
11. Festival Nazzjonali tal-Nar tal-art Mekkanizzat
12. Servizz ta` Handyman
13. Asfaltar u bankini godda fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljujn
14. Process ta` ristrutturar fis-sistema tal-complaints
15. Ħwejjeg Oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Ghall-Hamsa u Sittin (65) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **l-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Kunsill stieden ukoll lis-Sur Paul Bugeja, l-Accountant tal-Kunsill.**

**Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru. 2.11.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici-Sindku Franco Davies.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-erbgha u sittin (64) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta' Filarmonika Vilhena fejn talbu lill-Kunsill jghinhom isibu ghajnuna finanzjarja biex ikunu jistghu iwettqu xi progetti. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li ghal skemi tal-Unjoni Ewropea, iridu japplikaw huma bhala banda u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jirreferihom ghand il-MEUSAC li jkunu jistghu jidderiguhom ahjar.

2.2 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand il-UNHCR fejn talbu parkegg riservat quddiem l-ufficcju taghhom fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika jekk dan l-ufficcju hux qieghed jopera bil-permess necessarju tal-MEPA, u jekk iva, ghandu jipprocedi biex jaghti lill-UNHCR parkegg riservat kif mitlub.

2.3 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand Mydestination Malta fejn informaw lill-Kunsill li t-360◦ tours tal-Floriana kienu tlestew u kienu tpoggew ghaxar tours fuq il-websajt taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob li jzomm tmien tours kif kien gie deciz precedentement u ghandi jiddeciedi iktar tard liema tnejn jixtieq inehhi.

2.4 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand il-Parrocca San Publju fejn talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jinxtara orgni ghall-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom bil-miktub li ma jistax jaghti donazzjonijiet minhabba restrizzjonijiet fil-ligi.

2.5 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand Active Enterprises fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra li jitpoggew izjed advertisement barriers madwar il-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jitpoggew iktar barriers u qabel li ghandu jibghat invoice li tkopri l-ammont ta' advertisement barriers li hemm prezentement fil-Floriana.

2.6 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand l-iSptar Monte Karmeli fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jaghmlu uzu mis-sala tad-Dar tal-Kunsill sabiex jorganizzaw festin ghall-pazjenti taghhom fl-20 ta' Dicembru 2011. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li s-sala kienet diga giet ibbukkjata ghall-20 ta' Dicembru 2011.

2.7 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand il-Floriana F.C. Nursery fejn offrew li jorganizzaw tournament konguntament mal-Kunsill.

2.7.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ma jilqax din il-proposta, izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

2.7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jorganizza dan it-tournament konguntament mal-Floriana F.C. imma ma jonfoqx izjed minn €600, izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

2.7.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondata mill-Vici Sindku Franco Davies, biex il-Kunsill jorganizza dan it-tournament konguntament mal-Kunsill u ma jonfoqx iktar mill-ammont li kien hareg ghat-tournament tas-sena l-ohra, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (SSH, FD, VB)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza tournament konguntament mal-Floriana F.C. u johrog l-istess ammont li kien nefaq fit-tournament tas-sena li ghaddiet.

2.8 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand Elizabeth Tratnik fejn talbet il-permess tal-Kunsill sabiex jipprovdu tahrig fis-sala tad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlobhom iktar dettalji bhal kemm-il darba ser tintuza s-sala u l-hinijiet tal-uzu.

2.9 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn talbu lill-Kunsill jiffinanzja parti mill-ikla li ser itellghu fil-Grand Hotel Excelsior. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li minhabba restrizzjonijiet fil-ligi u minhabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill m'ghadiex li kienet, il-Kunsill m'ghadux jista' jiffinanzja ikliet.

2.10 Il-Vici Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand is-Sur George N. Cassar fejn offra lill-Kunsill xiri tat-tieni edizzjoni tal-ktieb Zmien il-Hsad ghall-prezz ta' €6. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jixtri iktar kotba ghalissa.

**<u>Nota: 14:00 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.</u>**

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand Tom's Bar fejn talbu li ssir un/loading bay quddiem dan in-negozju minhabba li kienu qed isibu problema meta jigu jhottulhom ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel un/loading bay fit-Telgha tal-Kurcifiss, man-naha tal-gnien.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn sid il-Lalu's Bar fejn saqsa ghalfejn kienet tnehhiet l-un/loading bay li kien hemm hdejn il-klabb tal-bocci. Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja fejn kienet ezatt din l-un/loading bay u jivverifika ghalfejn kienet tnehhiet.

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lis-Sindku Nigel Holland rigward il-messagg tal-Greenpak. Is-Sindku wiegeb li kien qed jifformula l-messagg rikjest.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk qattx kien hemm xi bollards fi Triq l-Iljun. Is-Sindku wiegeb li fi Triq l-Iljun kien hemm pjanca man-naha ta' Triq l-Argotti izda din kienet tnehhiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jerga' jaghmel pjanca ohra.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-bieb li kien sar fl-ufficcju tal-istaff u saqsa ghalfejn dan ma kienx qed jinghalaq. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk il-bieb qatt kienx jinghalaq jew jekk hux issa li beda ma jinghalaqx. Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-bieb ghandu jigi mmodifikat u qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni biex issirlu hgiega fin-nofs.

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **59-05,** li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**<u>Nota: Il-Kunsill talab lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja biex ipoggi mal-mejda sabiex jigu diskussi xi materji finanzjarji.</u>**

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kontijiet relatati mal-gwardjani lokali li huma imnizzlin fl-iskeda u saqsa jekk l-extra services humiex qed jigu mhallsin mill-Kunsill jew minn Regjun Xlokk. L-accountant is-Sur Paul Bugeja wiegeb li ghalkemm dawn huma spejjez relatati mal-gwardjani lokali, l-extra services xorta wahda jrid jaghmel tajjeb ghalihom il-Kunsill.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal cekk nru. 10134 pagabbli lil Transport Malta u saqsa x'kien jinvolvi dan il-pagament. L-accountant is-Sur Paul Bugeja wiegeb li dan il-pagament jaqa' taht kuntratt iffirmat mill-kunsilli lokali kollha fejn jekk xoghol f'xi triq ma jsirx fi zmien stipulat, l-istess xoghol isir minn Transport Malta li mbaghad jitolbu l-ispejjez lill-Kunsill.

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10109 sa 10159, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, ET, VB, FD)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg Kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Qaghda finanzjarja tal-Kunsill

5.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja sabiex jiftah id-diskussjoni.

5.2 Is-Sur Paul Bugeja beda billi qal li kien diga gibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-qaghda finanzjarja tieghu. Huwa kompla jghid li l-finanzi tal-Kunsill kienu naqsu drastikament minn mindu d-delega tal-gwardjani lokali ghaddiet f'idejn ir-Regjuni u ghalhekk il-Kunsill ma kienx qed ikollu d-dhul li kien ikollu qabel.

5.3 Huwa zied jghid li minhabba li d-dhul kien naqas, kien hemm bzonn li l-Kunsill jiehu mizuri ohrajn u jahtaf kull opportunita' li tista' zzidlu l-fondi. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill japplika ghal skemi u fondi tal-Gvern, tal-Unjoni Ewropea, ecc. dan sabiex ikun hemm dhul bizzejjed li jkun jista' jkopri parti sostanzjali mill-ispejjez li ghandu l-Kunsill. Huwa zied ukoll li l-Kunsill ghandu jaghmel uzu minn credit controllers biex jigbor ic-citazzjonijiet li ghadhom ma thallsux.

5.4 Is-Sur Paul Bugeja kompla jghid li l-Kunsill irid inaqqas l-ispejjez tieghu sabiex ma jispiccax b'deficit u dan jista' jaghmlu b'mizuri semplici izda effettivi bhal per ezempju jnaqqas il-frekwenza ta' gbir ta' skart, partikolarment ta' nhar ta' Hadd.

5.5 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Paul Bugeja tal-intervent u s-suggerimenti tieghu u qabel li ghandu jikkunsidra dawn is-suggerimenti u jara x'jista' jnaqqas sabiex isib bilanc bejn id-dhul u l-infiq tieghu minhabba li s-sitwazzjoni finanzjarja kienet saret inkwetanti.

## 6.0 Skema ta` Infurzar Lokali

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wara li attenda diversi laqghat tar-Regjun Xokk, kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jimmodifika l-operat tieghu specjalment issa li d-devoluzzjoni tal-gwardjani lokali m'ghadhiex f'idejn il-Kunsill.

6.2 Is-Sindku kompla jghid li rigward kontravvenzjonijiet mahruga fil-Floriana, il-Kunsill ghandu jibda dejjem jirreferi ghal Regjun Xlokk u kwalunkwe ilment jew direttiva trid tghaddi

ghand l-Authorised Officer tal-Kunsill sabiex tkun tista' tittiehed azzjoni mill-istess Regjun.

6.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jibda johrog permess temporanju taht l-iskema ta' parkegg residenzjali lil kull min ikun qed jaghmel xoghol ghall-Kunsill minhabba li xi kuntratturi kienu qeghdin jitharrku waqt li jkunu qed jaghmlu xoghol ghall-Kunsill jew ghall-komunita'. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 7.0 Peagant tal-Passjoni fit-toroq tal-Floriana

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li tibda tittella' paegant tal-Passjoni fil-Floriana li matulha jiehdu sehem kemm paegant group, il-banda tal-lokal u anke residenti Furjanizi li jesprimu x-xewqa li jippartecipaw.

7.2 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jivverifika dwar xi spejjez ser tinvolvi din il-pageant.

## 8.0 Iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Gorg V – Rapport tal-ispezzoni

8.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier responsabbli mill-gonna sabiex jiftah id-diskussjoni.

8.2 Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi ghamel riferenza ghar-rapport tal-ispezzjoni tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li kien ircieva l-Kunsill. Huwa kompla jghid li l-Kunsill ghandu jevalwa sew dan ir-rapport u jirranga c-certu nuqqasijiet zghar li jistghu jigu rrangati anke mill-haddiema tal-IPSL stess u li ma jirrikjedux spiza kbira.

8.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra r-rapport tal-ispezzjoni u jiehu azzjoni fuq dak kollu li jista' jkun ta' periklu fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

## 9.0 Skema ta` Parkegg Residenzjali

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li dan l-ahhar kienu qed iqumu hafna diskussjonijiet fuq min hu kkunsidrat eligibbli ghall-permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali. Ghalhekk huwa ppropona li kull decizjoni mehuda mill-Kunsill rigward l-iskema ta' parkegg tibda tigi rrekordjata f'fajl separat sabiex meta tinholoq diffikulta', ikun hemm mod facli biex wiehed jivverifika. Il-Kunsill qabel.

9.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill bi plejers barranin li jilghabu mal-Floriana F.C. u li jaghmlu uzu mill-karozza tal-klabb. Hija pproponiet li l-Kunsill jaghti permess lil dawn il-plejers minghajr ma jintalbu jipprovdu xi dokumenti ta' prova izda ma kien hemm l-ebda sekondant.

9.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ghall-finijiet ta' permessi mahruga taht l-iskema ta' parkegg, b'"resident" wiehed ghandu jifhem individwu li jkun imnizzel fuq ir-registru elettorali u li ghandu karta tal-identita' valida. Il-Kunsill qabel.

9.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-kaz li qam m'ilux u pproponiet li zewg anzjani li m'humiex mizzewgin izda jghixu fl-istess residenza, ghandhom ikunu intitolati ghall-permess kull wiehed minhabba li mhux necessarjament tkun l-istess persuna li qed tghin lit-tnejn li huma. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li tali decizjoni tista' tiddiskrimina bejn min hu mizzewweg u min mhux u ser taghti lok ghall-abbuzi.

9.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li f'kazijiet genwini bhal dawn, wiehed jista' japplika ghall-permess temporanju fejn ikun il-Bord tal-Verifika li jiddeciedi jekk it-talba tigix milqugha jew rifjutata.

9.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li resident li ghandu 'l fuq minn sittin sena jista' jinnomina ghall-permess persuna ta' fiducja li mhux necessarjament tkun qariba. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel ghalhekk li l-applikant ma jkollu bzonn jipprovdi l-ebda dokument ta' prova ghajr il-karta tal-identita' tieghu u l-logbook tal-vettura.

**Nota: 16:05 Il-Kunsill ghamel rizoluzzjoni li ghaddiet b'mod unanimu sabiex titkompla l-hamsa u sittin (65) laqgha tal-Kunsill Lokali minhabba li kienu ghaddew it-tliet sieghat stipulati bil-ligi.**

## 10.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet L-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li jidher li kien miexi kollox sew u kollox kien ippreparat ghal din l-attivita'.

10.2 Huwa ppropona li l-Kunsill isejjah konferenza stampa rigward l-attivita' tac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jsejjah konferenza stampa nhar l-Erbgha 14 ta' Dicembru 2011.

## 11.0 Festival Nazzjonali tal-Nar tal-art Mekkanizzat

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill minghand is-Sur Noel Castillo fejn kienu gew proposti diversi suggerimenti.

11.2 Huwa zied jghid li l-Kunsill ghandu jikkunsidra b'mod serju dawn is-suggerimenti biex jassikura l-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat tkun success bhal ma kienu l-edizzjonijiet passati.

**Nota: 16:20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 12.0 Servizz ta` Handyman

12.1 Il-Vici Sindku Franco Davies talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

12.2 Is-Segretarju Ezekuttiv S. Flores fetah id-diskussjoni billi qal li fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, ihoss li hemm spejjez li jistghu jigu mnaqqsa b'mod sostanzjali. Huwa ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghal servizz ta' handyman dan sabiex il-Kunsill jiffranka hafna spejjez ta' kuntratturi terzjarji.

**Nota: 16:25 Is-Sindku Nigel Holland rega attenda ghal-laqgha.**

12.3 Huwa kompla jghid li l-Kunsill ghandu jibda jaghmel uzu akbar mill-haddiema pprovduti lilu mill-IPSL u fejn ikun possibli, il-Kunsill jassigura li bicca xoghol issir minnhom sabiex il- ma jkollux ghalfejn iqabbad persuna terzjarja li trid taghmel ix-xoghol bi hlas.

12.4 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu jiehu decizjoni dwar dawn il-proposti fil-laqgha li jmiss.

**Nota: 16:35 Il-Vici Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Asfaltar u bankini godda fi Triq l-Argotti / Triq l-Iljujn

13.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien talab laqgha mal-Ministru Dolores Cristina sabiex jissuggerixxi li l-ispejjez relatati mal-ilma fi Triq l-Argotti u fi Triq l-Iljun jigu kopruti mill-Ministeru peress li l-progett ta' bini t'appartamenti huwa progett tal-Housing u ghalhekk ihoss li tali spejjez m'ghandhomx jigu mhallsa mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 14.0 Process ta` ristrutturar fis-sistema tal-complaints

14.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi talab lis-Segretarju Ezekuttiv S.Flores jiftah id-diskussjoni peress li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv beda billi qal li kien innota li s-sistema tal-ilmenti kellha bzonn xi kambjamenti. Huwa zied jghid li din is-sistema kienet issa giet ikkompjuterizzata b'tali mod li kull ilment kien qed jigi moghti numru u b'hekk kien qed jinzamm rekord ahjar ta' x'tip t'ilmenti jkunu qed isiru, lil min ikun gie rrapurtat l-ilment u x'ikun sar dwaru.

14.3 Huwa zied jghid ukoll li din is-sistema ser tghin anke biex jinzamm rekord tax-xoghol li jkun qed isir mill-haddiema tal-IPSL.

## 15.0 Ħwejjeġ Oħra

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li t-tender taz-zamma ta' soft areas kien ghalaq u ghalhekk kien hemm bzonn li terga tinhareg sejha ghall-offerti gdida. Huwa ppropona li jinghata cans sal-ahhar tal-gimgha sabiex il-kunsilliera jkunu jistghu jahsbu f'xi soft areas li ma kienux imnizzla fit-tender precedenti u li hemm bzonn jitnizzlu fit-tender-il gdid. Il-Kunsill qabel li s-sejha ghall-offerti ghaz-zamma ta' soft areas ghandha tigi ffinalizzata sal-ahhar tal-gimgha.

17.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ghamel riferenza ghall-garaxx offrut lill-Kunsill mill-Housing Authority u nforma li l-Awtorita' tad-Djar kienet lesta toffri dan il-garaxx ghall-prezz ta' €200 fis-sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Awtorita' tad-Djar li kien interessat jikri dan il-garaxx.

17.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti li talbu li ssir zebra crossing f'salib it-toroq quddiem l-iSptar Sir Paul Boffa dan minhabba li r-residenti tal-madwar kienu qed isibuha difficli biex jaqsmu minhabba li l-karozzi jigu minn diversi nahat. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Transport Malta b'din il-proposta u jitlob li jsir xi haga dwar dan.

17.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ppproponiet li ssir railing fin-nizla ta' hdejn il-picc iz-zghir tax-Xaghra. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika fejn ghandu jigi mwahhal dan ir-railing qabel ma jiehu decizjoni finali.

17.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili nformat lill-Kunsill bl-ikla li ser issir mal-Floriana F.C. nhar id-9 ta' Dicembru 2011. Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-istaff ghandha ssir f'data differenti minhabba li ma tantx kien ghad fadal zmien biex jigi nformat kulhadd.

17.6 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn residenta li lmentat rigward il-hmieg tal-hamiem li qed jingema fuq il-gallariji u l-bjut tal-blokka t'appartamenti taghha. Il-Kunsill qabel li ladarba din il-blokka hija proprjeta' privata, ma seta' jsir xejn mill-Kunsill u jrid ikun sid il-blokka jew sid l-appartament li jiehu azzjoni.

17.7 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li jhoss li fl-ufficcju amministrattiv ma kienx hemm bizzejjed sigurta'. Huwa ppropona li l-Kunsill jimxi mal-ligi u l-ufficcju amministrattiv, kif ukoll l-ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv, jibdew jinghalqu wara l-hin tal-ufficcju u ma jithalla jidhol hadd fihom wara li jissakkru. Huwa kompla jghid ukoll li skont il-ligi, il-laptop tal-Kunsill ghandu jibqa' fil-bini u ma johrogx mid-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li skont hu, il-Kunsill ma kien qieghed jikser l-ebda ligi f'dawn il-punti u talab lill-Kunsillier Vincent Borg jinformah b'fejn qeghdin stipulati dawn il-ligijiet li semma. Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jigi rregistrat fil-minuti li s-Sindku Nigel Holland qal li gieli jiehu l-laptop tal-Kunsill mieghu id-dar biex jaghmel xoghol tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland talab li l-Kunsill jivverifika dawn il-punti u jiccekkja jekk hux qed imur kontra l-ligi biex f'kaz li dawn il-punti huma stipulati bil-ligi, il-Kunsill jaghraf jadatta ruhu.

17.8 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jigi rregistrat fil-minuti li f'kaz li jkun hemm bzonn jittiehed vot, huwa jaqbel li l-kunsilliera jibqa' jkollhom access ghall-kamra tal-Kunsilliera anke wara l-hinijiet tal-ufficcju.

## 16.0 Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Hamis 5 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fil-17.15.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |